MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Talba Numru. 373/2003

**Leonard Bonnici u May Bonnici**

**Vs**

**Danielle Grech**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Frar 2003 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuta thallas l-ammont ta' Lm300 (tlett mitt lira Maltin) bhala danni kagunati f'incident awtomobilistiku fil-Mosta.

Fl-avviz tat-talba intqal:-
Thallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta` tal-attur meta fil-11 ta' Dicembru 2002 fi Triq Celju Tonna, Mosta l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAM 948, habtet fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAA 641 proprejta` tal-attur, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat

unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' mary Bonnici, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, kif ser jigi pruvat waqt it-tratazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:-
Illi huwa lampanti in-nuqqas ta' xhieda f'din il-kollizzjoni apparti z-zewg xufiera. Allura ta' bilfors it-Tribunal irid joqghod fuq il-verosimilta o meno tal-versjonijiet taz-zewg kontendenti. L-attrici ssostni li l-konvenuta waqfet biex tipparkja u rriversjat ghal fuqha. Da parti taghha, il-konvenuta tallega li meta waqfghet l-attrici baqghet diehla go fiha minn wara.

Illi l-mod kif iddeskriviet is-sekwenza tal-fatti, il-konvenuta ghalkemm kienet wieqfa u ghadda certu perjodu ta' hin, l-attrici xorta wahda ghazlet li tidhol go fiha minghajr raguni ta' xejn. Dana meta ma kienet imfixxkla minn xejn u b'vizwali ottimi. Fil-fehma tat-Tribunal li gara huwa li l-konvenuta bhal attrici kienu ser imorru ghat-tfal taghhom l-iskola. Waqt li miexja sabet post biex tipparkja fih, ghamlet il-manuvra biex tidhol b'lura izda sabet lil attrici. Dana minghajr ma hadet il-prekawzjoijiet opportuni biex taghmel manuvra bhal dik. Il-konvenuta riedet tipparkja, sabet post u fil-mument li kienet ser tibda miexja b'lura, li gara s-sinistru! Dana huwa aktar veosimili. Dwar id-danni, l-ammont ta' mitejn tmienja u ghoxrin lira u sitta u ghoxrin

centezmu (Lm228.26) ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna thallas is-somma ta' mitejn tmienja u ghoxrin centezmu (Lm228.26) billi ssibha unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li grat fil-11 ta' Dicembru 2002, bl-ispejjez u nteressi mitluba kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------